2) L-Artikolu 2, l-Artikolu 6(1) u (3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, bħat-tieni sentenza tal-Artikolu 55(4) tal-ustawa z 27 lipca 2001 r. Prawo o ustroju sądów powszechnych (il-Liġi tas-27 ta' Lulju 2001 dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji) (test ikkonsolidat, Dz. U. tal-2020, pożizzjoni 2072, kif emendat) moqrija flimkien mal-Artikolu 8 tal-ustawa o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych, ustawy o Sądzie Najwyższym oraz niektórych innych ustaw z 20 grudnia 2019 r. (il-Liġi tal-20 ta' Diċembru 2019 li Temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, il-Liġi dwar il-Qorti Suprema u Ċerti Liġijiet Oħra) (Dz. U. tal-2020, pożizzjoni 190) sa fejn dawn jipprojbixxu qorti tat-tieni istanza milli tagħti deċiżjoni, skont il-punt 4 tal-Artikolu 379 tal-ustawa z 17 listopada 1964 r. Kodeks postępowania cywilnego (il-Liġi tas-17 ta' Novembru 1964 li tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) (test ikkonsolidat, Dz.U. tal-2021, pożizzjoni 1805, kif emendat) li tannulla l-proċedura quddiem il-qorti nazzjonali tal-ewwel istanza, fil-kawża li biha hija adita din il-qorti, minħabba li l-kompożizzjoni ta' din il-qorti kienet kontra l-liġi, li l-qorti kienet komposta b'mod mhux xieraq jew li persuna li ma kinitx awtorizzata jew kompetenti biex tiddeċiedi għamlet parti minn din il-qorti, inkwantu sanzjoni ġuridika li tiggarantixxi protezzjoni ġudizzjarja effettiva, meta mħallef jiġi nnominat biex jieħu konjizzjoni ta' kawża bi ksur flagranti tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar l-assenjazzjoni tal-kawżi kif ukoll in-nomina u l-bidla tal-kulleġġi ġudikanti?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul București (ir-Rumanija) fit-28 ta' Marzu 2023 – Engie România SA vs Autoritatea Națională de Reglementare în Domeniul Energiei**

**(Kawża C-205/23, Engie România)**

(2023/C 252/20)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul București

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Engie România SA

*Konvenut:* Autoritatea Națională de Reglementare în Domeniul Energiei

**Domandi preliminari**

1) Allegat ksur tal-obbligu ta' trasparenza li jaqa' fuq il-fornituri tal-gass naturali fir-relazzjoni tagħhom mal-konsumaturi domestiċi u li huwa traspost fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ksur li huwa meqjus bħala reat amministrattiv f'din il-leġiżlazzjoni, jista' jwassal ukoll lill-awtorità nazzjonali kompetenti tobbliga lil fornitur ta' gass naturali japplika fir-relazzjoni tiegħu mal-konsumaturi prezz, impost permezz ta' mezzi amministrattivi, li ma jieħux inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' ffissar tal-prezz b'mod liberu fis-suq tal-gass naturali, prinċipju li huwa stabbilit mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE [1]?

2) L-impożizzjoni ta' sanzjoni fuq fornitur tal-gass naturali kemm mill-awtorità tal-protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll mill-awtorità regolatorja tal-enerġija, permezz tal-ħruġ ta' żewġ rapporti distinti ta' reati li jimponu l-istess miżuri fuq il-fornitur (duplikazzjoni ta' atti amministrattivi li jimponu miżuri), tista' titqies bħala restrizzjoni ġġustifikata tal-prinċipju *ne bis in idem*, fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew jikser dan il-prinċipju?

Tali kumulu ta' atti minn awtoritajiet differenti li jimponu l-istess miżuri, ibbażati fuq fatti identiċi, josserva l-prinċipju ta' proporzjonalità?

---

(1) ĠU 2009, L 211, p. 94.

---